Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2006

Appell Civili Numru. 517/2003/1

**Albert Mizzi**

**vs**

**Silvio Debono u Antonia Debono**

**Il-Qorti,**

Fis-26 ta' April, 2005, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat is-16 t'Ottubru tas-sena 2003 li permezz tieghu l-attur sejjhu lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:

1. Illi peress li fi skrittura privata datata 2 ta' Frar, 1999, il-konvenuti rrikonoxxew ruhhom veri, certi u


Qrati tal-Gustizzja

likwidi debituri tal-attur ghas-somma ta' tmien t'elef Liri Maltin, (LM8,000.00,0), - Dok. M1;
2. Illi peress li l-konvenuti effettwaw tlett pagamenti li jammontaw komplessivament ghal Lm3,900.00,0), - Dok. M2, Dok. M3 u Dok. M4 – izda issa b'ittra ufficcjali datata 29 t'Awissu tas-sena 2003, ippretendew li dik l-iskrittura hija nulla u ineffikaci;
3. Illi peress li l-konvenuti ghadhom debituri fis-somma ta' LM 4,100.00,0);
4. Illi peress li l-konvenut Silvio Debono gie nterpellat sabiex ihallas l-ammont dovut kemm b'ittra interpellatorja datata 18 ta' Dicembru tas-sena 2001, kif ukoll b'ittra ufficcjali datata 13 t'Awissu tas-sena 2003, il-konvenut baqaq' inadempjenti;
5. Jghidu ghaliex il-konvenuti m'ghandhomx jigu minn din il-Qorti;

a. Ikkundannati ihallsu lill-attur l-ammont ta' LM4,100.00,0 kif premess, inkluz l-imghax legali mid-data tal-iskrittura privata sad-data tal-effettiv pagament;
b. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali datata 13 t'Awissu tas-sena 2003 u tal-ittra interpellatorja datata 18 ta' Dicembru tas-sena 2001;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet datata l-24 ta' Frar tas-sena 2004 li permezz taghha l-konvenuti eccepew is-segwenti:

1. Illi t-talba attrici ghandha tigi michuda, bl-ispejjez kontra l-istess attur, peress li l-iskrittura privata datata 2 ta' Frar tas-sena 1999, li fuqha l-attur jibbaza l-azzjoni tieghu, hija nulla u bla effett fil-Ligi in quanto nieqsa minn kawza lecita;

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Ezaminat in-noti ta' sottomissjonijiet pprezentati;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-vertenza in dizamina hi naxxenti minn skrittura privata konkluza bejn l-attur Mizzi u l-konvenuti Debono datata t-2 ta’ Frar ta’ l-1999, redatta fil-presenza tan-nutar Dottor Mark Anthony Sammut, xhud tal-firma u ta’ l-identita’ tal-partijiet imsemmija;

2. Illi ai termini ta’ l-istess skrittura privata il-partijiet ikkonkludew is-segwenti: (ara fol 2 u 3);

a. Illi l-konvenuti Debono ikkostitwew ruhhom veri, certi u likwidi debituri favur l-attur Mizzi;

b. Illi d-debitu hekk kostitwit ammonta ghas-somma ta’ tmint elef Lira Maltin, (Lm8,000.00,0);

c. Illi d-debitu hekk kostitwit kellu jigi rfuz ratealment bir-rata ta’ elf Lira Maltin, (LM1,000.00,0), pagabbli kull tlett (3) xhur minghajr l-ebda interessi;

d. Illi l-ewwel skadenza kellha tkun it-2 ta’ Mejju ta’ l-1999;

Ikkunsidrat:

Illi l-kostituzzjoni ta’ debitu fuq indikat kien rez possibbli peress li porzjon art mibjugh mill-attur ghan-nom tas-socjeta’ Cenmed Limited irrizulta aktar milli fil-fatt kien indikat fid-dokumenti li l-partijiet imxew fuqhom;

Illi biex jigi ratifikat dan giet redatta l-iskrittura privata fuq riferita, datata t-2 ta’ Frar ta’ l-1999 li fiha pero l-attur kien deher personalment;

Illi in esekuzzjoni ta’ l-istess kostituzzjoni ta’ debitu, irrizulta li l-konvenuti kienu bdew jottemporaw ruhhom ma’ l-istess kondizzjonijiet hemm pattwiti u ghad baqghalhom

biss ihallsu l-ammont ta’ erbat elef u mitt Lira Maltin, (LM4,100.00,0), rikjamata mill-attur;

Ikkunsidrat:

Illi l-attur kien deher personalment fl-iskrittura privata de quo stante li kien debitament awtorizzat mis-socjeta’ li taghha kien ukoll direttur biex jaghmel hekk, u dan, ghas-saldu ta’ pagamenti lilu dovuti mill-istess socjeta’;

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk il-vertenza in dizamina hi limitata ghall-enforzar o meno ta’ l-iskrittura fuq indikata;

Illi f’dan is-sens il-konvenuti ma gabu l-ebda prova biex jostakolaw it-tezi ta’ l-attur stante li l-iskrittura privata de quo tirrizulta li hi wahda li mhux biss hi regolari u valida fil-ligi, izda tikkontjeni wkoll kawza lecita;

Ghaldaqstant din il-qorti, filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, takkolji t-talbiet attrici, u ghar-ragunijiet premessi tikkundanna lill-konvenuti Silvio Debono u Antonia Debono biex ihallsu lill-attur Albert Mizzi, l-ammont ta’ erbat elef u mitt Lira Maltin, (LM4,100.00,0), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti mit-2 ta’ Frar ta’ l-1999, id-data ta’ l-iskrittura privata meritu ta’ din il-procedura sad-data ta’ l-effettiv pagament.”

Fir-rikors ta’ l-appell taghhom kontra din is-sentenza l-konvenuti jissottomettu dawn l-aggravji:-

(1) Il-konkluzjoni raggunta mill-ewwel Qorti dwar il-validita` guridika u effikacja legali ta’ l-iskrittura tat-2 ta’ Frar 1999 sottoskritta mill-kontendenti hija zbaljata stante li tinsab ibbazata fuq apprezzament guridiku ghal kollox erroneu tal-fattispeci tal-kaz. Anke f’ din is-sede huma jkomplu jinsistu illi nzammet mohbija parti mill-konsiderazzjoni dovuta bil-konsegwenti evazjoni tal-ligijiet fiskali;

(2) Id-decizjoni hi zbaljata f' dik il-parti taghha fejn l-ewwel Qorti kkundannathom ihallsu l-imghax legali b' effett mid-data ta' l-iskrittura;

Fil-qosor, il-fatti l-aktar saljenti rizultanti mill-provi huma s-segwenti:-

(1) Il-konvenuti riedu jixtru plot mit-territorju ta' Santa Marija Estate fil-Mellieha minghand il-konjugi Davies. Skond il-koncessjoni originarja ta' dan l-istess plot, ghall-akkwist tieghu, kienet necessarja l-awtorizzazzjoni bil-miktub tas-socjeta` Cenmed, *qua* direttarja tieghu;

(2) Irrizulta minn verifiki li saru mill-istess konvenuti, hekk sussegwentement konfermat mis-*surveyor* ta' l-imsemmija socjeta`, illi l-plot kellu estensjoni akbar minn dak dikjarat fil-kuntratti precedenti tat-trasferimenti li saru. Konsegwentement, wara li giet avvicinata s-socjeta` precitata ntlahaq qbil li tithallas mill-konvenuti s-somma ta' ghoxrin elf lira (Lm20,000) ulterjorment ridotta ghal tmintax-il elf lira (Lm18,000);

(3) Il-kuntratt ta' akkwist tal-plot da parti tal-konvenuti minghajd il-koppja Davis gie ppubblikat fit-2 ta' Frar 1999 (kopja a fol. 32). Fuq dan l-istess kuntratt is-socjeta` imsemmija rceviet is-somma ta' ghaxart elef lira (Lm10,000) minghand il-konvenuti;

(4) Fl-istess jum tat-2 ta' Frar 1999 giet redatta skrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu (fol. 2) fejn il-konvenuti rrikonoxxew li ghandhom jaghtu lill-attur is-somma ta' tmint elef lira (Lm8000), liema somma tekwivali ghall-bilanc tal-konsiderazzjoni fuq indikat, appattwita bejn il-kontendenti;

(5) Minn din l-ahhar imsemmija somma l-konvenuti vversaw tliet pagamenti ammontanti komplessivament ghal tlett elef u disa' mitt lira (Lm3900) u rrifjutaw li jhallsu l-kumplament billi allegaw li l-iskrittura precitata kienet nulla ghaliex minghajr kawza espressa u,

f' kull kaz, minghajr kawza lecita. Ara ittra ta' l-Avukat Dottor Riccardo Farrugia tat-3 ta' Jannar 2002, (fol. 50) bi twegiba ghal dik tal-konsulent legali ta' l-attur domandanti l-hlas tal-bilanc (fol. 49);

Premessi dawn il-fatti, l-ewwel haga li qed tigi osservata hi din. L-unika eccezzjoni ta' l-appellanti hi msejsa fuq id-difiza illi l-iskrittura ghandha titqies nulla ghaliex mankanti minn kawza lecita. Eppure, imbaghad, fis-sottomissjonijiet bil-miktub quddiem l-ewwel Qorti huma ssollevaw ukoll il-punt li l-iskrittura kienet in linea preliminari minghajr kawza. Gjaladarba kemm l-ewwel Qorti, kif ukoll l-appellat, fir-risposta ta' l-appell tieghu, okkupaw ruhhom minn din il-materja, hu mistenni li din il-Qorti tissofferma fuq dan l-aspett;

Hi ligi, *ex*-Artikolu 987 tal-Kodici Civili, illi "l-obbligazzjoni minghajr kawza, <u>jew</u> maghmula fuq kawza falza jew illecita, m' ghandha ebda effett". Mill-punto di vista guridiku l-ewwel parti ta' din id-disposizzjoni ma tistax tinqara jew tigi interpretata izolatament mid-disposizzjoni li ssegwi, u li tistatwixxi li "l-ftehim, b' dana kollu, jibqa' jiswa jekk jigi pruvat li kien hemm kawza bizzejjed, ghalkemm mhux espressa" (Artikolu 988);

Huwa indubitat, anke ghaliex dan johrog mit-teorija oggettiva l-aktar akkreditata, illi l-*causa* ta' ftehim hi identifikata mal-funzjoni ekonomiku-socjali tan-negozju. Naturalment, biex jirnexxi l-assunt illi tezisti tali *causa* anke jekk mhux espress, jinkombi dejjem fuq l-attur li jipprovah. Ara **Kollez. Vol. XXXIV P II p 734**. Fil-kaz prezenti, fil-fehma ta' din il-Qorti, l-attur appellat irnexxielu jiskarika minn fuqu dan il-piz billi ddemostra illi l-iskrittura denuncjata kellha l-*causa debendi* li trid il-ligi. Huwa fatt inidikuss illi l-iskrittura *de quo* giet redatta fl-istess jum tal-kuntratt ta' akkwist tal-plot mill-konvenut. Huwa evidenti wkoll illi din saret biex tkopri l-bilanc tal-konsiderazzjoni, accettata mill-konvenuti, minhabba z-zieda skoperta fil-kejl tal-plot. Accettazzjoni li l-istess konvenut taw

ezekuzzjoni ghaliha billi effettwaw tliet pagamenti. Kif mistqarr mill-attur, "is-somma li tidher fl-iskrittura privata hija parti integrali mill-ammont originali li konna ftehma li l-konvenut kellu jhallas ghall-art *de* quo" (fol. 85). Dan mhux biss ma jinsabx negat mill-konvenut Silvio Debono talli dan fl-Affidavit tieghu (fol. 28) addirittura jiddikjara li hu kien konxju minn qabel ir-redazzjoni ta' l-iskrittura, illi l-attur kien talbu li jhallas lilu personalment is-somma ulterjuri ta' tmint elef lira (Lm8000) in konnessjoni mal-ftehim milhuq biex ikun approvat in-negozju ta' l-akkwist tal-plot. Huwa veru li, dejjem fl-istess kuntest, il-konvenut citat jghid ukoll illi dan l-ammont ma giex inkluz fil-kuntratt proprju "sabiex b' hekk la tkun taf Cenmed u lanqas il-Kummissarju tat-Taxxi". Dan pero` jifforma strettament il-qofol ta' eccezzjoni tieghu fondata fuq il-kawza illecita, li issa ser tigi kkunsidrata, u mhux fuq il-mankanza tal-kawza;

Jibda biex jigi registrat illi, kif inhu pacifiku, "kwalunkwe haga li tkun projbita mil-ligi bhala oggett jew li tkun projbita mil-ligi bhala kawza ta' dak il-kuntratt ma tkunx tista' taqa' f' kuntrattazzjoni, u jekk tifforma l-oggett u l-kawza tal-kuntratt, dak il-kuntratt ikun invalidu ghax ikun nieqes minn wiehed mir-rekwiziti tieghu, u ma jkunx jista' jkollu effett" (**Kollez. Vol. XXXII P I p 574**; Artikolu 990, Kodici Civili);

Fl-identifikazzjoni tad-dixxiplina regolatrici ta' negozju, min hu kjamat biex jiggudika ghandu necessarjament jipprocedi b' gudizzju ghall-valutazzjoni tal-*causa, qua* element essenzjali ta' l-istess negozju. Dan ghandu jaghmlu billi jzomm prezenti illi tali *causa* tiprospetta ruhha bhala strument ta' evalwazzjoni ghalbiex wiehed jassikura illi n-negozju juniforma ruhu mal-ligi u tigi accertata l-licejeta tieghu;

Minn dak rizultanti mill-atti bil-miktub, u mid-dibattitu orali f' din is-sede, l-appellanti jikkonfiguraw stat ta' illicejeta fl-iskrittura attakkata billi jikkontendu li giet mill-attur appellat adoperata skema tendenti ghall-finalita` kuntrarja ghall-

principji guridici bazici ta’ l-ordinament fiskali, senjatament il-Kapitolu 123 dwar it-Taxxa fuq l-Income. F’ dan il-kaz il-prova ta’ din l-allegata illicejeta kienet taggrava fuq il-konvenuti li jaghmluha ghas-sodisfazzjon u konvinciment pjen tal-Qorti;

Fil-hsieb konsiderat ta’ din il-Qorti, l-appellanti ma rnexxielhomx isostnu, bi provi jew argomenti perswasivi, din il-kontenzjoni taghhom li tqeghdet minnhom ghab-bazi ta’ l-eccezzjoni u tad-difiza. Fir-rigward qed isiru dawn ir-riljievi:-

(1) Ibda biex l-allegazzjoni tal-konvenuti appellanti hi kontrasta mill-attur fuq zewg livelli. Fl-ewwel lok il-htiega li ssir skrittura separata mill-kuntratt kienet dettata mill-fatt illi l-appellanti talbuh dilazzjoni ghall-pagament tal-bilanc minhabba l-qaghda finanzjarja taghhom. F’ dan jinsab korroborat mill-kontenut ta’ l-ittra li l-istess konvenut baghat lill-attur (ara kopja a fol. 4) fejn irringrazzjah talli akkordalu zmien “*to recover financially*”. Hemm imbaghad id-dikjarazzjoni esplicita ta’ l-attur fl-Affidavit tieghu (fol. 65) illi hu kien iddikjara ghal skop ta’ taxxa l-flejjes li kien irceva minghand il-konvenuti. Din id-dikjarazzjoni ma giet b’ ebda mod kuntrastata fil-kontro-ezami u ghalhekk ma tistax ma tinghatax il-kredibilita` u l-valur li jisthoqqilha;

Din il-Qorti tqis inoltre illi ghalkemm l-ammont dikjarat fl-iskrittura kien soggett ghal xi forma ta’ hlas ta’ taxxa, dan ma kienx, ghal din ir-raguni biss, jirrendiha awtomatikament nulla u bla effett fil-ligi, Wisq anqas ma kien jista’ jirrendiha f’ kawza illecita. Dan ghaliex hu ovvju, mill-apprezzament akkurat u xieraq tal-provi, illi l-akkordju raggunt bl-iskrittura ma kienx wiehed intenzjonat biex tigi evasa xi taxxa dovuta fuq ix-xorta ta’ negozju li kien qed jigi konkjuz izda semplicement mahsub biex jikkonferma u jaghti fidi l-istess akkordju u, fuq kollox, biex ikun koncess lill-appellanti z-zmien rikjest minnhom ghall-hlas tal-bilanc ghall-motiv suaffermat;

(2) Hemm aspett iehor ventilat mill-appellanti in sostenn ta’ l-illicejeta` vantata minnhom. Huma jghidu

wkoll illi l-iskrittura saret ma' l-attur personalment biex dan, bhal speci, jahbi dan il-fatt mis-socjeta` tieghu. Apparti li, anke kieku dan kien veru, ghall-appellanti dan il-fatt hu *res inter alios acta*, il-provi accertati juru li din l-allegazzjoni razenti l-frodi mhix sostenibbli. Kif jinsab insenjat fi kwestjonijiet koinvolgenti vizzju ta' kunsens, biex jigi provat il-qerq riedet issir il-prova li l-attur agixxa *scienter* permezz ta' raggiri frawdolenti u artifizji (**Kollez. Vol. XLIX P II p 722**) u li dawn kienu talment gravi u determinanti "*che senza di essi l' altra parte non avrebbe contratto*" (**Vol. X p 592; Vol. XLII P I p 126**). Fil-kaz prezenti mhux biss dan ma giex suggerit jew provat talli hu pjenament kontestat mill-attur. Ara xhieda tieghu in kontro-ezami a fol. 86 kif ukoll ir-rizoluzzjoni tas-socjeta` Cenmed li rratifikat il-ftehim milhuq fl-aspetti kollha tieghu (ara dokument a fol. 79);

In bazi ghall-kunsiderazzjonijiet kollha maghmula din il-Qorti ma tistax taccetta favorevolment l-ewwel aggravju lilha sottomess. Mhux l-istess pero` jista' jinghad dwar it-tieni aggravju, li dwaru l-istess attur appellat baqa' ma kkummenta xejn;

Sewwa gie s-ttomess mill-appellanti illi gjaldarba l-iskrittura kienet tikkontempla hlasijiet tas-somma hemm stabbilita minghajr imghax kien jokkorri, skond l-Artikolu 1141 tal-Kodici Civili, illi l-attur isejhilhom ghall-hlas permezz ta' att gudizzjarju. Barra minn dan jinsab ritenut illi "*per far decorrere gli interessi deve essere una interpellazione specifica pel pagamento dei lucri e non una semplice intimazione al debitore di eseguire la sua obbligazione*", (**Kollez. Vol. XVI P I p 84**), kif hekk jidher, f' dan il-kaz, li hi l-ittra legali a fol. 49. Billi l-att ta' l-avviz huwa att gudizzjaru *par excellance* l-interessi ghandhom jibdew jghaddu mid-data tan-notifika ta' l-istess att, ossija mit-13 ta' Frar 2004.

Ghal dawn il-motivi filwaqt li tichad ghal kollox l-ewwel aggravju, tilqa' t-tieni wiehed fis-sens illi l-interessi fuq is-

somma kanonizzata bl-ewwel sentenza ghandhom jibdew jiddekorru mit-13 ta' Frar 2004, kif superjorment stabbilit. Mill-kumplament is-sentenza appellata qed tigi konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------